**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 17 ta' Jannar 2023**

**Rikors Nru. 869/2016 GM**

**Saviour Schembri, u skont digriet tat-12 ta' Frar 2019 l-atti ġew trasfużi f'isem Maria Schembri (K.I. 480649M), Claudine Barbara (K.I. 525372M), Josepha Guntrip (K.I 532674M) Ephraim Sam Schembri (K.I. 441284M) u Franridge Schembri (K.I. 493890M)**

**vs**

**L-Awtorita` għat-Trasport f' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Saviour Schembri (ID No. 938744 M) li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1) Ir-rikorrenti jagħmel referenza għall-permess tal-iżvilupp maħruġ lilu mill-Awtorita' tal-Ippjanar fir-rigward ta’ kostruzzjoni ta’ *car wash* fi Triq Dun Karm, Birkirkara, u cioe`, l-permess PA 2778/09 hawn anness bħala Dok A, li oriġinarjament ġie maħruġ fl-14 ta' Settembru 2010 wara li l-perit tar-rikorrenti issottometta pjanta approvata minn Transport Malta, kif kien mitlub jagħmel mill-Awtorita' tal-Ippjanar;

2) Il-MEPA Board irrevoka tali permess fl-20 ta' Settembru 2012, wara li l-istess Bord kien irċieva ittra mingħand terzi persuni u, ad insaputa tar-rikorrenti, iddeċieda li l-pjanta sottomessa mill-Perit tar-Rikorrenti lill-Awtorita' tal-Ippjanar ma kinitx fil-fatt ġiet approvata minn Transport Malta b'mod regolari;

3) Ir-Rikorrenti appella minn tali revoka u b'deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru 2014, it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ħassar id-deċiżjoni ta' revoka u ordna li l-permess PA 2778/09 jerġa’ jinħareġ mill-ġdid fi żmien tletin ġurnata minħabba li ma kienx ġie ppruvat li l-permess kien inħareġ a bażi ta' informazzjoni frawdolenti, falza, qarrieqa jew inkorretta, kif kien ġie allegat mill-MEPA Board;

4) Il-permess 2778/09 reġa' fil-fatt inħareġ mill-ġdid, u waħda mill-kundizzjoniiiet rikjesti qabel jinħareġ il-Final Compliance Certificate kienet ‘clearance from Transport Malta confirming that all the signage have been erected as per Transport Malta approved block plan PA 2778/09/43A;

5) Ir-rikorrenti ħa ħsieb jinstalla s-senjaletika skont il-block plan PA 2778/09/43A, u dan kif jidher ferm ċar mir-rapport tal-Perit Arkitett Andrew Ellul, hawn anness bħala Dok C, liema rapport ġja ġie mgħoddi lill-Awtorita’ intimata;

6) Minkejja li r-rikorrenti ilu, anke bil-miktub tramite l-perit tiegħu (Dok B) u kif ukoll permezz ta' ittra legali (Dok D), ripetutament jitlob lill-Awtorita' intimata, dan il-clearnce, l-Awtorita' intimata għadha sal-lum il-ġurnata inspjegabbilment u abużżivament ma rrilaxxatx il-clearance neċessarju, mingħajr ma tat ebda raġuni jew spjegazzjoni lir-rikorrenti;

7) Konsegwentament il-*car wash* ma hix qiegħda tintuża u dan qed jikkawża danni konsiderevoli lir-rikorrenti;

8) Dan l-għemil da parti tal-Awtorita' għat-Trasport f’Malta jammonta għal rifjut skont Art. 469A(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

9) Id-diskrezzjoni tal-Awtorita' intimata trid tiġi eżerċitata fil-parametri tar-raġuni, u b’hekk rifjut li jingħata clearance kellu jseħħ biss fl-eventwalita' li s-senjaletika installata ma tissodisfax ir-rekwiżiti kollha tal-block plan PA/2778/09/43A. Konsegwentament l-għemil amministrattiv mertu ta' din il-kawża jikkonstitwixxi abbuż mid-diskrezzjoni tal-Awtorita’ intimata stante li r-rikorrenti ssodisfa r-rekwiżiti kollha tal-block plan, u b’hekk l-Awtorita’ intimata kellha toħroġ il-clearance neċessarju;

10) In-nuqqas ta' deċiżjoni bil-miktub u l-konsewgenti nuqqas ta' motivazzjonijiet għar-rifjut jammontaw għal ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, kif ukoll għal ksur tal-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil tal-Awtorita', u jindikaw nuqqas ta’ trasparenza da parti tal-istess Awtorita’;

11) Stante li ma hemm u ma ġiet ikkomunikata ebda raġuni valida fuq xiex l-Awtorita' ibbażat l-għemil tagħha, ir-rikorrenti ma jistax jasal għal konkluzjoni oħra għajr li l-għemil tal-Awtorita' intimata kien motivat minn konsiderazzjonijiet estranei u irrilevanti, u b'hekk tali għemil imur ultra uires il-poteri mogħtija lill-Awtorita' intimata;

12) Ai termini tal-artiklu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara li l-Awtorita' intimata ġiet interpellata permezz ta' Protest Ġudizzjarju ppreżentat fl-4 t'Awwissu 2016 u notifikat lill-Awtorita' Intimata fid-9 t'Awwissu 2016, Protest Nru.275/2016, hawn anness bħala Dok E.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li n-nuqqas tal-Awtorita' intimata li toħroġ il-*clearance* neċessarju jew li tagħti xi tip ta' deċiżjoni oħra fi żmien xahrejn minn meta ġiet hekk mitluba bil-miktub jikkonstitwixxi rifjut kif previst f'Artiklu 469A(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk jikkwalifika bħala għemil amministrattiv;

2. Tiddeċiedi u tiddikjara li dan l-għemil tal-Awtorita` intimata u tal-predeċessur tagħha huwa abbużiv u ultra vires is-setgħat tagħha, kif previst fl-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk tirrevoka l-istess għemil;

3. Tordna lill-Awtorita' intimata toħroġ il-clearance neċessarju;

4. Tiddikjara l-Awtorita' intimata responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-għemil fuq imsemmi inkwantu l-istess aġir mhuwiex raġjonevoli;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. It-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-għemil amministrattiv li qed jiġi attakkat mir-rikorrent permezz tal-kawża odjerna:
(a) ma jiksirx il-Kostituzzjoni;
(b) mhuwiex *ultro vires* għaliex (i) ġie mwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; u/jew (ii) l-Awtorita' intimata naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar l-għemil in kwistjoni; u/jew (iii) jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; u/jew (iv) imur mod ieħor kontra l-liġi.

2. Konsegwentement ir-rikorrent ma kellu ebda dritt illi jistitwixxi kontra l-Awtorita' rispondenti dawn il-proċeduri ġudizzjarji a bażi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi l-vot tas-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu 4694 tal-Kap. 12 mhuwiex sodisfatt għar-raġunijiet imfissra fil-paragrafu preċedenti ta' din ir-Risposta Ġuramentata.

3. Kif se jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, il-proċess għall-ħruġ ta' permess tal-iżvilupp bin-Numru PA2778/09 għal kostruzzjoni ta' *car wash* b'aċċess dirett minn u għal fuq Triq Dun Karm Psaila (Birkirkara By-Pass), Birkirkara kien afflitt minn irregolaritajiet lampanti u abbuż flagranti biex b'hekk inħareġ l-uniku permess għal żvilupp b'aċċess dirett minn u għal fuq Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara minn mindu daħal fis-seħħ il-Pjan ta' Struttura għall-gzejjer Maltin, bi ksur ta' kull policy ta' żvilupp u b'mod li joħloq perikolu enormi għas-saħħa u s-sigurta' tal-għexieren ta' eluf ta' utenti li ta' kuljum jagħmlu użu minn din it-triq. Konsegwentement, una volta illi jirriżulta bl-iżjed mod ċar u irrifjutabbli illi l-permess ottenut mir-rikorrent kontra kull policy u loġika ġie faċilitat b'aġir abbużiv u altament irregolari, ir-rikorrent m'għandu l-ebda dritt li jitlolb lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħtih rimedju ħalli jgawdi "dritt" illi huwa qatt ma kien intitolat għalih.

5. Ukoll, ġjaladarba r-rifjut da parti tal-Awtorita' rrispondenti mhux talli mhuwiex qed isir b'abbuż ta' poter u/jew huwa sar għal għanijiet mhux xierqa anzi, għall-kuntrarju, huwa motivat unikament sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' trappola tal-mewt li kienet se tqiegħed f'perikolu ċar u manifest il-ħajja tal-għexieren ta' eluf ta' sewwieqa li ta' kuljum jittranżitaw minn ġot-triq imsemmija illi hija waħda mit-toroq arterji prinċipali f'pajjiżna, it-talba tar-rikorrent sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lill-Awtorita' rispondenti sabiex toħroġ il-clearance meħtieġ sabiex b'hekk tiġi ppreġudikata s-saħħa u s-sigurta' tal-poplu Malti għandha tiġi miċħuda, l-istess kif għandhom jiġu miċħuda t-talbiet l-oħra kollha tar-rikorrent (salv għall-ewwel talba li hija waħda merament dikjatorja u legalment korretta).

6. L-Awtorita' rispondenti hija, permezz tal-Att kostituttiv tagħha, u cioe' l-Att dwar l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta), vestita bil-poter li tirregola l-użu tat-toroq f'pajjiżna. Naturalment l-Awtorita' ġiet vestita b'dan il-poter u fl-istess ħin b'dan l-obbliġu sabiex teżerċita l-funzjonijiet tagħha b'mod illi jkun iħares l-interess pubbliku u l-ġid komuni u għaldaqstant, minkejja l-permess maħruġ lir-rikorrent mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (illum l-Awtorita' tal-Ippjanar) l-Awtorita' rispondenti għandha d-dritt, anzi għandha l-obbliġu, li ma tagħtix il-clearance rikjest meta kjarament dan l-iżvilupp se joħloq, kif fuq ingħad, trappola tal-mewt għal kull min jitranżita minn dik it-triq u dan iżjed u iżjed meta wieħed iqis il-mod irregolari u abbużiv kif mexa l-proċess li finalment wassal għall-ħrug ta' dan il-permess.

7. Sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, ir-raba' u l-ħames talbiet sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara lill-Awtorita' intimata responsabbli għall-ħlas ta' danni versu r-rikorrent għandhom f'kull każ jiġu miċħuda stante illi l-Awtorita' rispondenti mhux talli m'aġixxietx *in mala fede* jew b'mod mhux raġonevoli kif meħtieġ skont id-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (5) tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 sabiex jiġu impost tali danni talli, għall-kuntrarju, aġixxiet u qiegħda taġixxi korrettement, bl-ikbar responsabbilta' u b'lealta' massima lejn id-dmirijiet, obbliġi u funzjonijiet fuqha vestiti skont il-liġi.

8. Sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent irid jagħti prova tad-danni minnu allegatament subiti permezz tax-xhieda minnu indikati fil-Lista tax-Xhieda minnu preżentata mar-Rikors Ġuramentat.

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li talvolta jkunu permissibbli skont il-liġi.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv a tenur tal-Art. 469A tal-Kap 12 għaliex allegatament l-għemil huwa abbużiv u *ultra vires.*

Il-fatti sostanzjali huma dawn:

L-Awtorita` tal-Ippjanar (MEPA) ħarġet permess PA 2778/09 favur Saviour Schembri għall-kostruzzjoni ta' *car wash* b'aċċess dirett minn u għal fuq Triq Dun Karm Psaila (Birkirkara By-Pass) soġġetta għall-kundizzjoni li qabel toħroġ il-*final compliance certificate*, ikun hemm konferma mill-Awtorita`għat-Trasport f'Malta (ATM) "*confirming that all the signage have been erected as per Transport Malta approved block plan PA 2778/09/43A.* ATM iżda naqset li toħroġ il-konferma minnha mitluba u għalhekk Saviour Schembri fetaħ din il-kawża. ATM qatt ma tat raġuni għan-nuqqas tagħha li toħroġ deċiżjoni. Madanakollu, jirriżulta mill-eċċezzjonijiet tagħha, u mill-provi akkwiżiti f'din il-kawża, li r-raġunijiet l-għala l-ATM ma tatx il-konferma tagħha kienu dawn:-

(1) Il-pjanta li ntalbet tiċċertifika li Saviour Schembri kkonforma magħha ma kinitx inħarġet uffiċjalment minnha.

(2) Il-permess inħareġ bi ksur tal-Pjan ta' Struttura li skontu m'għandux ikun hemm aċċess dirett minn żviluppi edilizji għal fuq toroq arterjali. B'mod xejn ortodoss ittieħdet deċiżjoni li l-i*speed limit* li hemmhekk huwa ta' 60 kfs jitbaxxa għal 50 kfs tul ta' 200 metru biswit l-aċċessi mbagħad jerġa' jogħla għal 60 kfs. Is-senjeletika tikser Konvenzjoni ta' Vjenna. Għalhekk joħloq periklu kbir għat-traffiku.

(3) ATM hija mwaqqfa permezz ta' Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta li jvestiha bir-responsabilita` li tassikura s-saħħa u s-sigurta` tal-*pedestrians* u għall-vetturi fit-toroq.

Skont l-atturi: ġaladarba bħala stat ta' fatt is-senjeletika saret skont il-pjanta msemmija, l-ATM ma setgħatx tirrifjuta li toħroġ il-ċertifikat tal-*compliance.* L-uniku kriterju li kellha timxi miegħu l-ATM biex taċċetta jew tirrifjuta li toħroġ iċ-ċertifikat tal-*compliance* kien appuntu jekk is-senjeletika poġġuta fuq il-post kinitx skont il-pjanta sottomessa quddiem il-MEPA. Kull kunsiderazzjoni oħra hija irrilevanti. Inkluża l-kunsiderazzjoni ta' periklu għall-utenti tat-triq. ATM messha vventilat il-preokkupazzjonijiet tagħha billi nterveniet fil-proċeduri għall-ħruġ tal-permess bħala *third party objector* iżda naqset li tagħmel dan. Kieku għamlet hekk setgħet ukoll tappella.[1] ATM kisret it-test tar-raġonevolezza.

[1] *Para 3.12 u para 3.13 tan-nota ta' sottomissjonijet tal-atturi, a fol 663.*

Ikkunsidrat:

Fil-fehma ta' din il-Qorti:

Fl-ewwel lok, ATM hija awtorita' pubblika li li ntalbet tagħmel l-eżerċizzju in kwistjoni minn awtorita` pubblika oħra. Ma jirriżultax li l-ATM kienet marbuta b'xi liġi li tagħmel dan l-eżerċizzju u għalhekk kienet ħielsa li jew tagħmlu jew ma tagħmlux.

Fit-tieni lok, il-pjanta li abbażi tagħha ntalbet li toħroġ l-approvazzjoni tagħha ma kinitx tassew maħruġa minnha, kif premess mill-MEPA u għalhekk kien impossibbli għaliha li tottempera ruħha mat-talba tal-MEPA. Kif setgħet tiddeċiedi jekk is-senjeletika kinitx tikkonforma mal-pjanta tagħha jekk pjanta uffiċjali tagħha ma kienx hemm?

Fit-tielet lok, huwa minnu li l-bona amministrazzjoni tesiġi li awtorita` pubblika tirrispetta l-operat ta' awtorita` pubblika oħra u li ma tostakolax leġġerment deċiżjoni meħuda minn awtorita` oħra. U li jekk tagħmel hekk ikun hemm lok għall-applikazzjoni tal-Art. 469A suċċitat kontra tagħha. B'danakollu jkollha raġuni valida ma jkunx hemm raġuni legali l-għala għandha tiġi ċċensurata. Ir-raġuni kienet li fil-fehma tagħha l-approvazzjoni tagħha kienet sejra twassal għal ħolqien ta' periklu għat-traffiku. Periklu li l-ATM hija marbuta bil-liġi li ħolqitha biex tagħmel dak kollu li hu possibbli u fattibbli biex jiġi evitat. Huwa notorju li

l-*bypass* ta' Birkirkara hija arterja prinċipali li fiha t-traffiku kważi ma jieqaf qatt. M'hemmx għalfejn wieħed ikun espert tat-traffiku biex jagħraf li kwalunkwe dħul u ħruġ għal xi żvilupp edilizju f'din it-triq jikkawża periklu kbir. Apparti li jxejjen l-iskop kollu tal-bypass li hu li t-traffiku jimxi fiha b'ċerta veloċita` u mingħajr waqfien. Fil-fatt din il-bypass ma fiha l-ebda dħul jew ħruġ simili. Fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, li tasserixxi li l-ATM imxiet b'mod mhux raġonevoli, jew għal raġunijiet mhux xierqa jew irrelevanti, huwa kemmxejn ċiniku.

Is-sottomissjoni tal-atturi li ATM messha daħlet bħala *third party objector* hija wkoll barra minn lokha. Speċjalment meta wieħed iqis li l-ATM suppost li waqt l-ipproċessar tal-permess edilizju ġiet ikkonsultata mill-MEPA tramite direttorat tagħha imwaqqaf apposta – l-Integrated Transport Strategy Directorate (ITSO). Dan ma sarx; żgur mhux b'nuqqas tal-ATM, li setgħet tinduna biss meta kien tard wisq. Minflok, perit impjegat mal-ATM, fid-Direttorat tat-Toroq (mhux l-ITSO) u li kien fuq il-Bord tal-Ippjanar (fil-veste tiegħu personali) kiseb, b'mod mhux uffiċjali, il-pjanta li fuqha ntalbet tieħu azzjoni l-ATM, u silet minnha l-konklużjonijiet tiegħu bla ma ġiet involuta l-ATM.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tiċħad it-talbiet tal-attur.

Spejjeż a kariku tal-attur.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA